Maltese

Australian Government | myagedcare



# Il-gwida tiegħek tas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth

## Jissapportjawk biex tgħix fid-dar

ISBN 978-1-76007-320-6

Bl-eċċezzjoni tal-Istemma Araldika tal-Commonwealth u fejn innotat mod ieħor, il-materjal kollu ppreżentat f'dan id-dokument huwa pprovdut skont il-liċenzja ta' Creative Commons Attributions 4.0 Australia (http://creativecommons.org/licences/by/3.0/au).

Id-dettalji tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja relevanti jinsabu fuq il-websajt ta' Creative Commons (li hija aċċessibbli billi tuża l-links ipprovduti), kif ukoll il-kodiċi legali sħaħ għal-liċenzja CC BY 4.0 AU (http://creativecommons.org/licences/by/3.0/au/legalcode). Id-dokument għandu jkun attribwit bħala *Il-gwida tiegħek għas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth* tad-Department of Health.

## Ikkuntattjana

Jintlaqgħu mistoqsijiet dwar il-liċenzja u kull użu ta' dan id-dokument f':

Communication Branch
Department of Health
Email: copyright@health.gov.au

Tista' ssib dan il-prodott f'www.myagedcare.gov.au

L-informazzjoni hija kurrenti sa Ġunju 2019.

**Nies Aboriġini u /jew Torres Strait Islander huma avżati li dan il-fuljett jista' jkun fih figuri ta' nies li mietu.**

# *Il-gwida tiegħek tas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth*

Jissapportjawk biex tgħix fid-dar



# Dan il-ktejjeb tajjeb għalik?

Dan il-ktejjeb jispjega kif l-anzjani jistgħu jirċievu sapport f'darhom u fil-ħajja ta' kuljum permezz tal-**Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth**.

Għandek taqra dan il-ktejjeb jekk int kont assessjat/a minn Servizz ta' Assessjar Reġjonali (RAS) għas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth.

Inkella **ċempel My Aged Care fuq 1800 200 422 jew iċċekkja myagedcare.gov.au** għal informazzjoni fuq il-proċess tal- assessjar u l-eliġibilità għal tipi differenti ta' kura tal-anzjani b'fondi mill-gvern:

### Kura restorattiva għal żmien qasir

Servizzi ta' kura għal żmien qasir fid-dar jew f'ambjent ta' kura residenzjali bħal kura restorattiva (terġa' lura għal indipendenza).

dan il-ktejjeb

### Livell ta' sapport fid-dar

Servizzi ta' kura u sapport kontinwi jew għal żmien qasir permezz tal-*Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth* jinkludu għajnuna fix-xogħol tad-dar, kura personali, tħejjija ta' ikel, trasport, xiri, saħħa diversa, sapport soċjali u serħan ippjanat (li jagħti brejk lill-kerer tiegħek).

### Sapport aktar kumpless fid-dar

Erba' livelli ta' pakketti kkoordinati ta' servizzi diretti għall-konsumatur permezz tal-*Programm ta' Pakketti ta' Kura fid-Dar* jinkludu kura personali, servizzi ta' sapport u nersing, saħħa diversa u servizzi klinikali.

### Kura għall-anzjani residenzjali

Kura personali u tan-nersing fi djar tal-kura tal-anzjani għal nies akbar fl-età li ma jkunux kapaċi jgħixu b'mod indipendenti f'darhom. Din tinkludi wkoll serħan residenzjali għal perjodi qosra f'dar tal-kura tal-anzjani.

# Kontenut

X'inhu l-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth? ..... 7
Kif ikolli aċċess għas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth? ..... 9
Ċempel My Aged Care ..... 10
Agħmel assessjar ta' sapport fid-dar ..... 11
Ftiehem dwar pjan ta' sapport fid-dar ..... 12
Agħżel il-provvedituri tas-servizz u stabbilixxi kemm se tħallas ..... 13
Immaniġġja s-servizzi tiegħek ..... 16
Aktar għajnuna ..... 19

# X'inhu l-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth?

B'fondi mill-Gvern Awstraljan, il-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth jipprovdi varjetà ta' livelli ta' servizzi għall-kura tal-anzjani għal nies akbar fl-età li jkollhom bżonn għajnuna biex jibqgħu jgħixu b'mod indipendenti f'darhom u fil-komunità tagħhom.

Jekk b'mod ġenerali tkun tista' timmaniġġja, imma jkollok bżonn ftit għajnuna biss, f'xogħol ta' kuljum biex tkompli tgħix f'darek, is-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth, jistgħu jkunu adattati għalik.

Dawn is-servizzi jistgħu jkunu adattati wkoll jekk tiġrilek xi ħaġa u jkollok bżonn għajnuna għal perjodu ta' żmien qasir biss, biex jgħinuk terġa' tqum fuq saqajk.

Il-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth jipprovdi fondi lil varjetà kbira ta' organizzazzjonijiet (imsejħa provvedituri tas-servizz) madwar l-Awstralja biex iwasslu l-kura u s-servizzi lilek.

L-għan tal-programm huwa biex jgħin lill-anzjani jgħixu b'mod indipendenti kemm jista' jkun — *b'konċentrazzjoni biex jaħdmu miegħek, aktar milli biex jagħmlu x-xogħol għalik*. Huwa biex jibni fuq it-tisħiħ u l-kapaċitajiet tiegħek biex jgħinuk tibqa' tgħix b'mod indipendenti u sigur fid-dar.

Il-programm huwa għal nies li għandhom 65 sena jew aktar (50 sena u aktar għal nies Aboriġini u Torres Strait Islander).

Il-programm jinkludi wkoll servizzi ta' sapport għal nies ta' età anzjana prematura bi dħul baxx li jkollhom 50 sena jew aktar (45 sena jew aktar għal nies Aboriġini u Torres Strait Islander) u m'għandhomx dar fejn joqogħdu jew b'riskju li jitilfu darhom.

# Eżempji tas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill- Commonwealth

Hemm servizzi differenti biex jgħinuk timmaniġġja l-attivitajiet tiegħek minn ġurnata għall-oħra. Skont il-bżonnijiet tiegħek, tista' tkun eliġibbli biex tirċievi:

- trasport għal appuntamenti u attivitajiet
- għajnuna domestika (pereżempju tindif fid-dar, ħasil tal-ħwejjeġ)
- kura personali (pereżempju għajnuna biex tieħu xawer jew biex tilbes)
- manutenzjoni fid-dar (pereżempju biex tibdel bozoz tad-dawl, xogħol tal-ġnien)
- modifikazzjonijiet fid-dar (pereżempju biex ikollok installat poġġaman)
- apparat ta' għajnuna u tagħmir (pereżempju siġġu għal banju, biex toqgħod bilqiegħda fuq it-tojlit f'pożizzjoni għolja, għajnuna għal mobilità)
- ikel, għajnuna bil-preparazzjoni tal-ikel u kapaċitajiet tat-tisjir, pariri dwar nutriment
- nersing (pereżempju immaniġġjar ta' medikazzjoni)
- saħħa diversa (pereżempju podjatrija, fiżjoterapija, terapija okkupazzjonali)
- sapport soċjali (pereżempju attivitajiet akkumpanjati, ħruġ fi grupp)
- serħan (kura għalik waqt li l-kerer tiegħek jieħu/tieħu brejk).



# Kif ikolli aċċess għas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth?

Dan il-ktejjeb jispjega l-proċess tas-soltu lin-nies biex ikollhom aċċess għas-servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth. Jinkludi informazzjoni dwar x'għandek tistenna f'kull stadju, kif ukoll informazzjoni għal ċirkustanzi speċjali u aktar għajnuna.

1. Ċempel My Aged Care
2. Agħmel assessjar ta' sapport fid-dar
3. Ftiehem dwar pjan ta' sapport fid-dar
4. Agħżel provvedituri tas-servizz u stabbilixxi kemm se tħallas
5. Immaniġġja s-servizzi tiegħek

# Ċempel My Aged Care

My Aged Care għandha websajt (www.myagedcare.gov.au) u ċentru ta' kuntatt biex jagħtuk informazzjoni dwar il-kura tal-anzjani u biex jgħinuk ikollok aċċess għas-servizzi li jkunu adattati għalik.

Tista' ċċempel iċ-ċentru ta' kuntatt tal-My Aged Care fuq 1800 200 422 bejn it-8am u t-8pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mill-10am sas-2pm nhar ta' Sibt.

L-istaff f'My Aged Care jistaqsuk dwar il-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi kurrenti tiegħek biex ikunu jistgħu jirreferuk għal servizzi ta' assessjar tal-kura tal-anzjani xierqa. Jistgħu joħolqu wkoll 'rekord tal-klijent' personalizzat għalik. Ir-rekord tal-klijent tiegħek ikun jinkludi informazzjoni dwar il-bżonnijiet tiegħek, ir-riżultati ta' kull assessjar li tkun għamilt, flimkien ma' kull servizzi ta' kura tal-anzjani li tirċievi.





# Agħmel assessjar ta' sapport fid-dar

Jekk iċ-ċentru ta' kuntatt tal-My Aged Care jirreferik għal assessjar ta' sapport fid-dar, assessur tas-Servizz ta' Assessjar Reġjonali (RAS) jikkuntattjak biex jorganizza assessjar wiċċ imb wiċċ f'darek.

Dan l-assessjar ikun ipprovdut mingħajr ħlas.

Waqt l-assessjar ta' sapport fid-dar, l-assessur tar-RAS jistaqsik dwar l-attivitajiet tiegħek minn ġurnata għall-oħra, il-bżonnijiet tiegħek u l-preferenzi tiegħek – dak li tista' tagħmel sewwa, fhiex għandek bżonn ftit għajnuna, u xi tkun trid li tista' tagħmel.

Tista' tixtieq li jkollok membru tal-familja, ħabib/a jew kerer waqt l-assessjar biex jissapportjak, jew biex jitkellem f'ismek.

Jekk l-assessjar tiegħek juri li int eliġibbli għal servizzi skont il-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth, tista' taħdem mal-assessur tar-RAS biex tiddeċiedi liema provveditur/i tas-servizz tkun trid li tirċievi s-servizzi mingħandhom.

Jekk tkun imħasseb/imħassba dwar l-assessjar ta' sapport fid-dar, ipprova tkellem l-ewwel mal-assessur tar-RAS tiegħek – jista' jkun possibbli li ssolvi l-problema b'dak il-mod. L-organizzazzjonijiet tar-RAS għandhom proċeduri stabbiliti dwar l-ilmenti u jaħdmu miegħek biex jindirizzaw it-tħassib tiegħek. Jekk inti jew l-assessur tar-RAS ma tkunux tistgħu ssolvu l-kwistjoni jew tħossok skomdu/skomda li tavviċinahom direttament, tista' ċċempel My Aged Care.

# Ftiehem dwar pjan ta' sapport fid-dar

L-assessur tar-RAS jaħdem miegħek biex ikun żviluppat pjan ta' sapport personalizzat fid-dar.

Il-pjan ta' sapport tiegħek fid-dar ikun imfassal skont il-bżonnijiet tiegħek, u jkun żviluppat biex jimmassimizza l-indipendenza u l-kwalità ta' ħajja tiegħek.

L-assessur tiegħek tar-RAS jista' jissuġġerixxi wkoll għażliet għalik li ma jkunux parti mill-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth (pereżempju servizzi komunitarji lokali, gruppi u attivitajiet).

Pereżempju, il-pjan ta' sapport tiegħek fid-dar jista' jinkludi wkoll pariri jew referimenti dwar:

- tagħmir ta' għajnuna jew makkinarju biex jgħinek tibqa' indipendenti u salv/a f'darek
- ikel u preparazzjoni ta' ikel
- trasport għal appuntamenti, gruppi u attivitajiet biex iżommuk ikkonnettjat/a mal-ħbieb, servizzi u l-komunità lokali
- programm ta' eżerċizzju u/jew programm ta' attività ta' kuljum
- strateġiji biex jitnaqqsu l-waqgħat.

Il-pjan ta' sapport tiegħek fid-dar għandu jkun rivedut mill-provveditur tas-servizz tiegħek kull 12-il xahar, biex ikun żgurat li tkun qed tirċievi s-servizzi u s-sapport li jkomplu jkunu adattati għalik.

# Agħżel il-provvedituri tas-servizz u stabbilixxi kemm se tħallas

Biex tkun taf liema provvedituri tas-servizz joffru dak li jkollok bżonn fl-inħawi fejn toqgħod, staqsi lill-assessur tiegħek tar-RAS jew ċempel My Aged Care. Tista' tuża wkoll il-websajt tal-My Aged Care biex tfittex provvedituri.

L-assessur tiegħek tar-RAS jista' jorganizza biex ikollok 'referiment għal servizz' li jintbagħat lill-provveditur/i relevanti fl-inħawi lokali tiegħek. Referiment għal servizz jinnotifika provvedituri li jkun hemm klijent ġdid li jkun irid servizz, u jinkoraġġihom biex jikkuntattjawk biex tagħmel l-arranġamenti.

Jekk l-ewwel tkun trid iżżur jew iċċempel provveditur ta' servizz biex tiddeċiedi jekk is-servizzi tagħhom humiex adattati għalik, itlob lill-assessur tiegħek tar-RAS biex jagħtik 'kodiċi ta' referiment'. Tista' tgħaddi dan lill-provveditur tas-servizz meta titkellem miegħu. Dan jippermettilhom biex jaraw ir-rekord tal-klijent tiegħek, jaċċettaw ir-referiment u jibdew jorganizzaw is-servizzi għalik, jekk tagħżel li taċċetta s-servizzi tagħhom.

Jekk ma jkunx hemm servizzi disponibbli, inti titpoġġa fuq lista tistenna. Meta s-servizzi jsiru disponibbli, dawk li jkunu fuq il-lista jistennew bl-ogħla livell ta' bżonn ikunu offruti s-servizzi l-ewwel.



## Stabbilixxi kemm se tħallas

Huwa mistenni li tikkontribwixxi għall-ispejjeż tas-servizzi li tirċievi, jekk tkun tista' taffordja li tagħmel dan.

Ma tkunx mitlub/a li tkopri l-ispejjeż kollha għas-servizzi – il-Gvern Awstraljan jissussidja lill-provvedituri tas-servizz tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth biex il-miżati tal-klijent ikunu jistgħu jinżammu f'livell xieraq u affordabbli.

Kull miżati li tkun mitlub/a tħallas ikun hemm ftehim dwarhom bejnek u l-provveditur tas-servizz qabel tibda tirċievi s-servizzi.

## Kif jinħadmu l-miżati tiegħek?

Kull provveditur tas-servizz huwa meħtieġ li jkollu policy ta' kontribuzzjoni tal-klijenti tagħhom u din tkun użata biex tiddetermina kemm tħallas int. Provvedituri tas-servizz huma mistennija li jagħmlu l-policy ta' kontribuzzjoni tal-klijenti tagħhom disponibbli pubblikament. Tista' titlob lill-provveditur tas-servizz tiegħek biex jagħtik kopja tal-policy tagħhom.

Biex tistabbilixxi kemm se tħallas, il-provveditur tas-servizz tiegħek jikkonsidra l-informazzjoni li tipprovdilu waqt l-assessjar ta' sapport f'darek (mal-assessur tar-RAS) u jista' jistaqsik mistoqsijiet dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek. Jikkunsidraw il-kapaċità tiegħek li tħallas u n-numru u t-tip ta' servizzi li tkun qed tfittex.

## Meta ssir taf kemm mistenni li tħallas?

Provvedituri tas-servizz għandhom jiddiskutu u jaqblu miegħek dwar l-ammonti ta' kontribuzzjoni qabel tibda tirċievi s-servizzi.

## X'jiġri jekk ma tkunx tista' tħallas il-miżati?

Tkellem mal-provveditur tas-servizz tiegħek dwar is-servizzi li tkun se tirċievi u kemm tkun mitlub/a tikkontribwixxi għal kull wieħed minnhom. Arranġamenti għall-klijenti li ma jkunux jistgħu jħallsu l-kontribuzzjoni mitluba jkunu diskussi qabel jibda kull servizz.

Int ma tkunx miċħud/a servizzi jekk ma tkunx tista' tikkontribwixxi għall-ispejjeż. Provvedituri tas-servizz ikollhom l-arranġamenti tagħhom biex jipproteġu lil dawk li ma jkunux jistgħu jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-kura tagħhom.

Għandek dritt li tappella dwar l-ammont li tkun mitlub/a biex tħallas. Jekk tkun trid li tistaqsi dwar il-miżati ta' ħlas tiegħek, l-ewwel għandek tiddiskuti dan mal-provveditur tas-servizz tiegħek.

## Il-kontribuzzjoni tiegħek taffettwa l-pensjoni tal-età tiegħek?

Il-pensjoni tal-età tiegħek ma tkunx affettwata mill-kontribuzzjonijiet li inti tagħmel għall-ispejjeż tas-servizzi tiegħek.

## Fejn tista' tikseb informazzjoni u edukazzjoni dwar finanzi?

Tista' tikseb informazzjoni bażika dwar l-immaniġġjar tal-finanzi tiegħek mis-*Servizz ta' Informazzjoni Finanzjarja* tad-Department of Human Services (DHS) tal-Gvern Awstraljan. Dan is-servizz konfidenzjali b'xejn jista' jgħinek biex tagħmel deċiżjonijiet infurmati dwar il-finanzi tiegħek għall-bżonnijiet kurrenti u futuri tiegħek.

Għal aktar informazzjoni dwar is-*Servizz ta' Informazzjoni Finanzjarja*, ċempel lid-DHS fuq 132 300 u għidilhom "Financial Information Service" hekk kif ikellmuk.



# Immaniġġja s-servizzi tiegħek

## X'tista' tistenna mill-provvedituri tas-servizz?

Provvedituri tas-servizz tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth għandhom jissapportjawk biex tagħmel dak kollu li tista' u jgħinuk ittejjeb il-kwalità ta' ħajja tiegħek.

Jgħinuk biex tgħix indipendenti kemm jista' jkun possibbli, billi jikkonċentraw fuq il-bżonnijiet u l-preferenzi tiegħek u jibnu fuq dak li jsaħħek.

Għandhom jipprovdu servizzi mfassla fuq iċ-ċirkustanzi uniċi tiegħek, jaħdmu fi sħubija miegħek, il-familja tiegħek, il-ħbieb u l-kerers.

Provvedituri tas-servizz għandhom jirrevedu s-servizzi tiegħek kull 12-il xahar biex jiżguraw li jkomplu jissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek.

## X'jiġri jekk il-bżonnijiet ta' kura tiegħek jinbidlu?

Jekk il-bżonnijiet tiegħek jinbidlu maż-żmien, inti tista' tiddiskuti dan mal-provveditur tas-servizz. Jistgħu jirriferuk lill-My Aged Care għal assessjar ieħor.

Tista' ċċempel ukoll lill-My Aged Care direttament biex tiddiskuti il-bżonnijiet ta' kura tiegħek li jinbidlu.

Jekk il-bżonnijiet ta' kura tiegħek jiżdiedu jew isiru aktar kumplessi, jista' jkollok bżonn servizzi ġodda jew tip differenti ta' kura tal-anzjani, bħal Pakkett ta' Kura fid-Dar. Ċempel My Aged Care biex torganizza assessjar xieraq mas-Servizz ta' Assessjar Reġjonal (RAS) jew mat-Tim tal-Assessjar tal-Kura tal-Anzjani (ACAT). Meta jkun hemm stampa ċara dwar x'ikunu l-bżonnijiet ġodda tiegħek, tingħata għażliet dwar il-kura u s-servizzi li jaqblu l-aktar għalik.

## Tista' tibdel il-provvedituri? X'jiġri jekk tmur toqgħod x'imkien ieħor?

L-ewwel għandek titkellem mal-provveditur/i tas-servizz tiegħek li jirriferuk lura lill-My Aged Care. Tista' tikkuntattja wkoll lill-My Aged Care direttament biex titkellem dwar il-bżonnijiet tiegħek. Jiddependi skont iċ-ċirkustanzi tiegħek, tista' tkun mitlub/a biex tagħmel assessjar ieħor.

## X'jiġri jekk tmur l-isptar?

Tkellem mal-provveditur/i tas-servizz tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth u għidilhom, biex is-servizzi tiegħek ikunu sospiżi waqt li inti ma tkunx id-dar.

Tista' tirċievi servizzi tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth għal perjodu ta' żmien qasir biex jgħinuk terġa' tqum fuq saqajk wara li terġa' lura d-dar. L-ewwel tkellem mal-provveditur/i tas-servizz tiegħek.

Jekk il-bżonnijiet tiegħek ikunu nbidlu b'mod sinifikanti, is-servizzi tiegħek jistgħu jkollhom bżonn jinbidlu wkoll. Jew forsi tip ieħor ta' kura tal-anzjani, issa jkun aktar xieraq. Jista' jkollok bżonn assessjar ieħor biex tara x'ikun l-aħjar għalik u biex tiżgura li l-bżonnijiet tiegħek ikunu sodisfatti. Il-provveditur tas-servizz tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill- Commonwealth jista' jitlob għal assessjar għalik jew tista' ċċempel direttament int lill-My Aged Care għal aktar informazzjoni.

Tista' tkun eliġibbli wkoll għal *kura transitorja,* li jkun sapport għal żmien qasir għal nies akbar fl-età wara li jkunu l-isptar. Biex ikollok aċċess għal servizzi ta' kura transitorja, għandek tkun assessjat/a minn Tim tal-Assessjar tal-Kura tal-Anzjani (ACAT) **waqt li jkun għadek l-isptar**. L-ACAT jaraw jekk inti tibbenifikax minn kura transitorja u jispjegawlek l-għażliet tiegħek. Biex torganizza assessjar, tkellem mal-istaff fl-isptar jew ċempel My Aged Care.

## X'inhuma d-drittijiet u r-responsabilitajiet legali tiegħek?

Iċ- *Charter tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani* jispeċifika d-drittijiet tiegħek bħala klijent/a li tirċievi servizzi ta' kura għall-anzjani b'fondi mill-Commonwealth.

Il-provveditur tas-servizz tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth għandu jagħtik kopja taċ-charter.

Għal għajnuna biex tifhem id-drittijiet u r-responsabilitajiet tiegħek, l-ewwel tkellem mal-provveditur tas-servizz tiegħek.

# X'tagħmel biex titkellem dwar dak li jkun iħassbek

## Tħassib dwar is-servizzi li tkun qed tirċievi

Jekk għandek problema b'servizz, l-ewwel ipprova tkellem mal-provveditur tas-servizz tiegħek. Tista' tkun xi ħaġa li tista' tkun solvuta faċilment.

Il-provveditur tas-servizz tiegħek għandu jgħidlek dwar il-proċess ta' kif imexxu l-ilmenti tagħhom internament u kif tagħmel ilment. Għandek id-dritt li tagħmel ilment mingħajr ma jaffettwa l-kura u s-servizzi tiegħek.

Kultant ilmenti ma jistgħux ikunu solvuti mill-provveditur tas-servizz, jew jista' jkun li inti ma tħossokx komdu/komda li titkellem dwar dak li jkun qed iħassbek magħhom.

## Mod ieħor biex titkellem dwar dak li jkun qed iħassbek jew biex tagħmel ilment

Tista' tagħmel ukoll ilment lill-Aged Care Quality and Safety Commission (servizz b'xejn) b'dawn il-modi:

- websajt — www.agedcarequality.gov.au
- telefown — ċempel 1800 951 822
- bil-miktub — indirizza l-ilment tiegħek bil-miktub lil:

  Aged Care Quality and Safety Commission
  GPO Box 9819
  [Il-belt kapitali fejn toqgħod] [L-istat/territorju fejn toqgħod]

## Ikseb għajnuna minn xi ħadd li jirrappreżentak (xi ħadd li jkun jista' jgħinek biex titkellem dwar dak li jkun qed iħassbek)

Jekk tkun trid għajnuna biex titkellem dwar dak li jkun qed iħassbek, jista' jkollok lil xi ħadd li jirrappreżentak li jaħdem miegħek biex issolvi l-kwistjoni. L-Older Persons Advocacy Network (OPAN) jgħin lin-nies ikollhom aċċess u jaħdmu flimkien mas-servizzi tal-kura tal-anzjani b'fondi tal-Commonwealth. OPAN għandu fondi mill-Gvern Awstraljan. Huwa b'xejn, indipendenti u kundifenzjali. OPAN jgħin lill-anzjani jiksbu l-informazzjoni li jkollhom bżonn biex jagħmlu deċiżjonijiet, jifhmu d-drittijiet tagħhom tal-kura tal-anzjani, u jsolvu l-problemi u l-konfużjoni. OPAN jista' jkun ikkuntattjat fuq 1800 700 600 mid-9:30am sal- 4:30pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

# Aktar għajnuna

## X'għandek tagħmel jekk ikollok bżonn għajnuna b'interpretar?

Jekk titkellem lingwa oħra minbarra l-Ingliż, tista' ċċempel lit- Translating and Interpreting Service (TIS National) għall-prezz ta' telefonata lokali fuq 131 450. TIS National ikopri aktar minn 100 lingwa. Għid lill-operator il-lingwa li titkellem biha u itlobhom biex iċemplu My Aged Care fuq 1800 200 422.

## X'għandek tagħmel jekk ikollok bżonn għajnuna minħabba diffikultajiet fis-smigħ jew biex titkellem?

Tista' tikkuntattja My Aged Care permezz tan-National Relay Service (NRS). Agħżel l-aċċess ippreferut tiegħek f' www.communications.gov.au/accesshub/nrs u itlob għal 1800 200 422.

## X'għajnuna hemm għal nies bid-dimenzja?

Il-Gvern Awstraljan jistenna li l-provvedituri kollha tal-kura tal-anzjani joffru servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet tan-nies bid-dimenzja.

Il-Gvern Awstraljan jipprovdi fondi għal servizzi ta' pariri, edukazzjoni u taħriġ, programmi ta' sapport u servizzi oħra għal nies bid-dimenzja, il-familji u l-kerers tagħhom. Klijenti tal-Programm ta' Sapport fid-Dar mill-Commonwealth jista' jkollhom aċċess għal dan is-sapport.

Għal aktar informazzjoni ċempel My Aged Care fuq 1800 200 422 jew mur fuq www.myagedcare.gov.au

## X'għajnuna hemm għal nies anzjani li m'għandhomx dar jew jinsabu f'riskju li jitilfu darhom?

Jekk inti anzjan/a prematur/a, bi dħul baxx, għandek 50 sena jew aktar (45 sena jew aktar għal nies Aboriġini u Torres Strait Islander) u m'għandekx dar fejn toqgħod, jew f'riskju li titlef darek, hemm sapport li jinkludi:

- links għal akkomodazzjoni xierqa u servizzi ta' kura
- difiża u għajnuna f'xogħol finanzjarju u legali
- links għal servizzi oħra ta' sapport soċjali bil-għan li jnaqqsu n-numru ta' dawk bla dar.

# X'għajnuna hemm għal dawk bi bżonnijiet diversi?

Il-Gvern Awstraljan jagħraf li s-soċjetà tagħna hija diversa u n-nies għandhom varjetà kbira ta' esperjenzi tal-ħajja.

Ħafna programmi u servizzi qegħdin hemm biex jissapportjaw lil nies bi bżonnijiet diversi biex ikollhom aċċess għall-għajnuna li jkollhom bżonn. Jista' jkun hemm servizzi speċjalizzati fl-inħawi fejn toqgħod li jissodisfaw speċifikament lill-gruppi bi bżonnijiet speċjali. Tista' tikseb aktar informazzjoni permezz tal-My Aged Care jew billi tistaqsi lill-assessur tiegħek tar-RAS.

Provvedituri tas-servizz għandhom jikkunsidraw, jirrispettaw u jissapportjaw il-bżonnijiet speċifiċi u diversi meta jkunu qegħdin joffru l-kura u s-servizzi. L-ebda provveditur tas-servizz m'għandu jiddiskrimina kontra xi ħadd, inkluż:

- Nies Aboriġini u Torres Strait Islander
- nies minn sfond kulturali u lingwistiku divers
- nies li jgħixu f'inħawi rurali u remoti
- nies li huma finanzjarjament jew soċjalment żvantaġġati
- veterani
- nies li m'għandhomx dar fejn joqogħdu jew f'riskju li jitilfu darhom
- nies li huma lesbjani, gay, bisesswali, transgender jew intersex
- nies li huma Care Leavers (adulti li jkunu għaddew żmien f'kura istituzzjonali bħala tfal)
- ġenituri separati mit-tfal tagħhom permezz ta' adozzjoni sfurzata jew għax itteħdulhom.

Għal aktar informazzjoni ċempel My Aged Care fuq 1800 200 422 jew mur fuq www.myagedcare.gov.au

## X'għajnuna hemm għall-kerer tiegħek?

Jekk il-kerer tiegħek ikollu/ikollha bżonn ta' aktar sapport, ikkuntattja lill-Carer Gateway fuq 1800 422 737 jew mur fuq il-websajt f' www.carergateway.gov.au għal aktar informazzjoni.

## Ħlas ta' telefonati

**Numri tat-telefown li jibdew b'13 jew b'1300** – Telefonati li jibdew b'13 jew b'1300 ikunu ċċarġjati bi ħlas ta' telefonati lokali meta tuża telefown fiss. Jekk tuża telefown mowbajl, iċ-ċarġis għal telefonata jistgħu jkunu ogħla – iċċekkja mal-provveditur tat-telefown mowbajl tiegħek.

**Numri tat-telefown li jibdew b'1800** – Telefonati għal numri 1800 huma b'xejn minn telefown fiss. Il-biċċa l-kbira tal-provvedituri ta' telefown mowbajl joffru telefonati b'xejn għal numri 1800 – iċċekkja mal-provveditur tat-telefown mowbajl tiegħek.



# Noti

# Noti

Għal għajnuna żur **www.myagedcare.gov.au** jew ċempel **1800 200 422**
L-informazzjoni kollha f'din il-pubblikazzjoni hija korretta sa Ġunju 2019

12472 Ġunju 2019